

32005D0179

8.3.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 61/37

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-4 ta' Marzu 2005

li temenda d-Deċiżjonijiet 93/52/KEE u 2003/467/KE fir-rigward tad-dikjarazzjoni li s-Slovenja hija ħielsa mill-bruċellożi (*B. melitensis*) u mill-lewkożi bovina enżootika u li s-Slovakkja hija ħielsa mit-tuberkulożi bovina u l-bruċellożi bovina

(innotifikata taħt in-numru tad-dokument C(2005) 483)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2005/179/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

bruċellożi. Is-Slovenja għalhekk għandha tingħaraf li hija uffiċjalment ħielsa mill-bruċellożi (*B. melitensis*) fir-rigward ta' l-irziezet ovini u kaprini.

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa ta' l-annimali li jaffettwaw il-kummerċ fi ħdan il-Komunità ta' l-annimali bovini u s-suwini ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Anness A (I) (4), l-Anness A (II) (7) u l-Anness D (I) (E) tagħha,

(3) Id-Direttiva 64/432/KEE tipprovdi li Stati Membri jew partijiet jew reġjuni tagħhom jistgħu jiġu ddikjarati li huma uffiċjalment ħielsa mit-tuberkulożi, bruċellożi u lewkożi bovina enżootika fir-rigward ta' mrieħel bovini soġġetti għall-aderenza ma' ċerti kundizzjonijiet stipulati f' dik id-Direttiva.

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 dwar il-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li tiggverna l-kummerċ fi ħdan il-Komunità ta' l-annimali ovini u kaprini ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Anness A, Kapitolu 1, punt II tagħha,

(4) Il-listi ta' reġjuni ta' l-Istati Membri ddikjarati bħala ħielsa mit-tuberkulożi tal-bovini, il-bruċellożi tal-bovini u l-lewkożi bovina enżootika huma stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/467/KE tat-23 ta' Ġunju 2003 li tistabbilixxi l-istatus ta' ħelsien uffiċjali mit-tuberkulożi, il-bruċellożi, u l-lewkożi bovina enżootika ta' ċerti Stati Membri fir-rigward ta' mrieħel bovini. ⁽⁴⁾

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/52/KEE tal-21 ta' Diċembru 1992 li tirreġistra l-konformità min-naħa ta' ċerti Stati Membri jew reġjuni mal-kundizzjonijiet marbuta mal-bruċellożi (*B. melitensis*) u li tagħtihom l-istatus ta' Stat Membru jew reġjun li intgħaraf li huwa uffiċjalment ħieles mill-marda ⁽³⁾, telenka r-reġjuni ta' Stati Membri li intgħarfu li huma uffiċjalment ħielsa mill-bruċellożi (*B. melitensis*) skond id-Direttiva 91/68/KEE.

(5) Wara evalwazzjoni mill-Kummissjoni tad-dokumentazzjoni mressqa mis-Slovenja sabiex turi l-aderenza tagħha mal-kundizzjonijiet xierqa stipulati fid-Direttiva 64/432/KEE fir-rigward tal-ħelsien mil-lewkożi bovina enżootika, it-territorju kollu ta' dak l-Istat Membru għandu jkun iddikjarat li huwa uffiċjalment ħieles mil-lewkożi bovina enżootika.

(2) Fis-Slovenja, il-bruċellożi ovina jew kaprina ilha notifikabbli bil-fors għall-inqas għal ħames snin, u l-ebda każ ta' dik il-marda ma ġie kkonfermat matul dak il-perijodu. Dak l-Istat Membru pprojbixxa wkoll it-tilqim kontra dik il-marda għall-inqas għal tliet snin. Barra minn hekk, is-Slovenja impenjat ruħha li tikkonforma ma' ċerti kundizzjonijiet stipulati fid-Direttiva 91/68/KEE dwar kontrolli għalgħarrieda li għandhom jitwettqu wara li l-provinċji kkonċernati jintgħarfu li huma ħielsa mill-

(6) Wara evalwazzjoni mill-Kummissjoni tad-dokumentazzjoni mressqa mis-Slovakkja sabiex turi l-aderenza tagħha mal-kundizzjonijiet xierqa stipulati fid-Direttiva 64/432/KEE fir-rigward tal-ħelsien mit-tuberkulożi bovina u mill-bruċellożi bovina, it-territorju kollu ta' dak l-Istat Membru għandu jkun iddikjarat li huwa uffiċjalment ħieles mit-tuberkulożi bovina u mill-bruċellożi bovina.

⁽¹⁾ ĠU L 121, tad-29.7.1964, p. 1977/64. Id-Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 21/2004 (ĠU L 5, tad-9.1.2004, p. 8).

⁽²⁾ ĠU L 46, tad-19.2.1991, p. 19. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/554/KE (ĠU L 248, tad-9.7.2004, p. 1).

⁽³⁾ ĠU L 13, tal-21.1.1993, p. 14. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bir-Regolament Nru 2005/28/KE (ĠU L 15, tad-19.1.2005, p. 30).

⁽⁴⁾ ĠU L 156, tal-25.6.2003, p. 74. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar minn 2005/28/KE.

- (7) Id-Deċiżjonijiet 93/52/KEE u 2003/467/KE għalhekk għandhom jiġu emendati kif xieraq.
- (8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Animali,

Artikolu 2

L-Annessi I, II, u III tad-Deċiżjoni 2003/467/KE huma emendati skond l-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Magħmula fi Brussel, fl-4 ta' Marzu 2005.

Artikolu 1

L-Anness I tad-Deċiżjoni 93/52/KE huwa emendat skond l-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

Għall-Kummissjoni

Is-Sur Markos KYPRIANOU

Membri tal-Kummissjoni

ANNEX I

L-Anness I tad-Deċiżjoni 93/52/KEE jinbidel b'dan li ġej:

"ANNEX I

STATI MEMBRI

Kodiċi ISO	Stat Membru
BE	Il-Belġju
CZ	Ir-Repubblika Ċeka
DK	Id-Danimarka
DE	Il-Ġermanja
IE	L-Irlanda
LU	Il-Lussemburgu
HU	L-Ungerija
NL	L-Olanda
AT	L-Awstrija
SI	Is-Slovenja
SK	Is-Slovakkja
FI	Il-Finlandja
SE	L-Iżvezja
UK	Ir-Renju Unit"

ANNEX II

L-Annessi II, III u VII għad-Deċiżjoni 2003/467/KE qed jiġu emendati kif ġej:

1. Fl-Anness I, il-Kapitolu 1 qiegħed jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“KAPITOLU 1**Stati membri uffiċjalment ħielsa mit-tuberkolożi**

Kodiċi ISO	Stat Membru
BE	Il-Belġju
CZ	Ir-Repubblika Ċeka
DK	Id-Danimarka
DE	Il-Ġermanja
FR	Franza
LU	Il-Lussemburgu
NL	L-Olanda
AT	L-Awstrija
SK	Is-Slovakkja
FI	Il-Finlandja
SE	L-Iżvezja”

2. Fl-Anness II, il-Kapitolu 1 qed jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“KAPITOLU 1**Stati membri uffiċjalment ħielsa mill-bruċellożi**

Kodiċi ISO	Stat Membru
BE	Il-Belġju
CZ	Ir-Repubblika Ċeka
DK	Id-Danimarka
DE	Il-Ġermanja
LU	Il-Lussemburgu
NL	L-Olanda
AT	L-Awstrija
SK	Is-Slovakkja
FI	Il-Finlandja
SE	L-Iżvezja”

3. Fl-Anness III, il-Kapitolu 1 qed jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“KAPITOLU 1**Stati membri uffiċjalment ħielsa mil-lewkożi bovina enzootika**

Kodiċi ISO	Stat Membru
BE	Il-Belġju
CZ	Ir-Repubblika Ċeka
DK	Id-Danimarka
DE	Il-Ġermanja
ES	Spanja
FR	Franza
IE	L-Irlanda
CY	Ċipru
LU	Il-Lussemburgu
NL	L-Olanda
AT	L-Awstrija
SI	Is-Slovenja
FI	Il-Finlandja
SE	L-Iżvezja
UK	Ir-Renju Unit”